## 21 ta' Mejju, 1963

**Imħallef:**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Joseph Debono noe

*versus*

Avukat Dottor Victor Caruana Colombo et noe.

**Preskrizzjoni — Kuraturi "ex ufficio" — Art. 2265 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-kuraturi "ex ufficio" jistgħu jinvokaw il-preskrizzjoni, u lilhom ma jistax jiġi deferit il-ġurament kontemplat fl-artikolu 2265 tal-Kodiċi Ċivili.*

Il-Qorti, rat l-att ta' ċitazzjoni li bih...omissis...

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-kuraturi li biha ssottomettew illi l-azzjoni hi preskritta bl-egħluq ta' ħames snin kif hu kontemplat fl-artikolu 2261 (e) tal-Kodiċi Ċivili;

Semgħat lid-difensuri;

Tikkunsidra dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-kuraturi:

Illi dina hi waħda mill-preskrizzjonijiet illi m'għandhomx effett hekk il-partijiet li jeċċipuhom, meta jingħata lilhom il-ġurament kontemplat fl-artikolu 2265 (1) (2) tal-Kodiċi Ċivili, ma jieħdux dak il-ġurament skond il-formola preskritta mill-liġi;

Illi l-ġurisprudenza tagħna mhux dejjem kienet konkordi fuq il-kwistjoni jekk dawk il-preskrizzjonijiet jistgħux jiġu nvokati minn kuraturi, u, difatti, għall-ewwel il-Qorti Ċivili kienet irriteniet li dawk il-preskrizzjonijiet ma jistgħux jiġu sollevati minn kuraturi "di officio" billi dawn mhumiex ammessi jipprestaw il-ġurament fuq imsemmi (Collezione Vol. VI, paġ. 396 u vol. VIII, paġ. 475); imma, imbagħad, ġie ritenut il-kontrarju mill-Qorti ta' l-Appell (Collez. IX, paġ. 461); iżda in segwitu l-Qorti ċivili, fuq l-iskorta taż-żewġ sentenzi fuq riferiti ta' l-istess Qorti, reġgħet irriteniet li dawk il-preskrizzjonijiet ma jistgħux jiġu sollevati minn kuraturi "di officio" (Collez. Vol. XIII, paġ. 62); imma, appena tlett xhur wara. Il-Qorti ta' l-Appell sostniet dak li kienet irriteniet qabel, jiġifieri li anke l-kuratur "di officio" jista' jeċċepixxi l-istess preskrizzjonijiet billi l-artikolu 1924 ta' l-Ordinanza VII tal-1868 (korrispondenti għall-artikolu 2265 tal-Kodiċi Ċivili) "non richiede il giuramento dell'eccipiente per fortificare la prescrizione, ma somministra all'attore un mezzo di reppellerla con la delazione del giuramento del convenuto, ove egli stesso voglia prevalersene ed il convenuto sia in condizione di poterlo prestare. Se questo è un curatore di officio e, ignaro dei fatti, non può nè affermare nè negare, manca, non a lui la presunzione del pagamento, ma all'attore il mezzo di distruggerla e la presunzione deve avere il suo effetto" (Collez. XIII. paġ. 113). Minn dak iż-żmien — b'eċċezzjoni ta' sentenza ta' sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Collez. XXV, I, 666) — il-Qrati tagħna dejjem affermaw illi billi l-ġurament mhux ħlief mezz biex tirrepelli l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, dina tista' tiġi opposta anke minn dawk li lilhom ma jistax jiġi deferit il-ġurament, bħal kuraturi "di officio" (Collez. XVI, ii, 299; XX, i, 216; XXVIII, ii, 175; XXX, i, 30 u 31; XXXIII, ii, 281).

Il-kuraturi setgħu, kwindi, jinvokaw, kif għamlu, il-preskrizzjoni, u lilhom ma jistax jiġi deferit il-ġurament kontem-

plat fl-artikolu 2265 tal-Kodiċi Ċivili.

Tikkunsidra:

Illi ma hemmx dubbju li ż-żmien tal-preskrizzjoni għadda u jirriżulta li din ma ġietx interrotta.

Għaldaqstant:

Takkolji l-eċċezzjoni tal-preskrizzjo[illegible] ispejjeż.